MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 89/2007/1

**Polly Axiaq**

**v.**

**Joseph Axiaq**

Preliminari

1. Dan hu appell principali maghmul mill-konvenut u appell incidentali maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-26 ta' Ottubru 2012; kif ukoll provvediment fuq talba maghmula mill-konvenut ghall-isfilz tad-Dokument VG1 anness mar-risposta tal-attrici ghall-appell tal-konvenut.

2. Fis-sentenza taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:
“1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b’tort prinċipalment tal-konvenut u tawtorizza lill-partijiet jgħixu separatament;
“2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba billi t-tifel issa huwa maġġorenni;
“3. Tordna lill-konvenut jivversa lill-attriċi manteniment għaliha ta’ tlett mija u ħamsin Ewro fix-xahar;
“4. Tilqa’ r-raba’ talba, u fir-rigward tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-attriċi nofs il-kontijiet bankarji kollha f’isem il-partijiet separatment jew f’isimhom waħedhom, u nofs il-flus kollha depożitati l-Qorti; lill-konvenut in-nofs l-istess kontijiet bankarji u flus depożitati l-Qorti kif ukoll il-vetturi u ngenji reġistrati f’ismu; il-konvenut huwa kkundannat iħallas lill-attriċi għal darba waħda s-somma fuq imsemmija ta’ sebgħa u sebgħin elf, seba’ mija u tnejn u sittin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€77,762.78), parti bħala ekwiparazzjoni u parti kif spjegat u msemmi;
“5. Tilqa’ l-ħames talba;
“6. Tiċħad is-sitt talba billi ma hemmx lokha;
“7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba’ talba peress li l-attriċi ġja’ qed tiġi kumpensata *tramite* r-raba’ talba;
“L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-konvenut.”

3. Permezz tar-rikors odjern il-konvenut, ghar-ragunijiet hemm indikati, qed jitlob li s-sentenza appellata tigi riformata billi tilqa’ l-aggravji u l-eccezzjonijiet tieghu, filwaqt li tikkonfermaha ghal bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

4. Min-naha taghha l-attrici qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta taghha, l-appell tal-konvenut jigi michud, bl-ispejjez kontra l-attrici.

5. Fl-appell incidentali taghha, l-attrici, qed titlob li s-sentenza appellata tigi riformata billi jintlaqghu l-aggravji taghha, bl-ispejjez kontra l-konvenut, filwaqt li, fir-risposta tieghu, il-konvenut qed jitlob li dan l-appell tal-attrici jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

Provvediment

6. Fit-twegiba tieghu ghall-appell il-konvenut talab l-isfilz tad-dokument VG1 anness mar-risposta tal-attrici, u li jikkonsisti f'kopja informali ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Dicembru 2012, u ghalhekk wara l-ghoti tas-sentenza appellata. Huwa jsostni li l-provi dwar il-konsistenza tal-proprjeta` parafernali tal-konvenut, anke jekk mizmuma minnu *pro indivizo* ma' othu, kellhom jingabu qabel l-ghoti tas-sentenza appellata u mhux wara.

7. Din il-Qorti tikkonsidra din l-oggezzjoni bhala wahda gustifikata, tenut kont tal-fatt li mill-bidunett tal-proceduri odjerni l-attrici kienet taf li l-konvenut kien wiret ammont sostanzjali ta' proprjeta` minghand il-genituri tieghu, tant li fir-risposta taghha prezentata fil-21 ta' Novembru 2007 ghar-rikors tal-konvenut tghid li l-konvenut ghandu *"assi immobiljari qawwija" li wiret minghand ommu u lli permezz taghha huwa jista' jkollu introjtu hafna akbar"*[1]*.* Ukoll fir-risposta taghha prezentata fit-18 ta' Settembru 2009 hija tghid li l-konvenut *"dan l-ahhar huwa wiret proprjeta' tajba ghall-izvilupp li giet stmata maz-zewg miljuni lira maltin [LM2,000,000*][2].

8. Minn dan jirrizulta car li l-attrici kellha l-opportunita` kollha matul is-smigh tal-kawza li tressaq il-provi kollha fir-rigward tal-ezistenza, l-estensjoni u l-valur tal-proprjeta` parafernali tal-konvenut, haga li setghet taghmel facilment anke billi tezamina l-inkartament tal-kawza li ghaliha tirriferi s-sentenza esebita. Fid-dawl ta' dan mhuwiex issa konsentit li l-attrici tipprova, quddiem din il-Qorti ta' revisjoni, li tiftah l-istadju tas-smigh tal-provi bil-produzzjoni ta' provi li setghu ngiebu quddiem l-ewwel Qorti.

9. Ghaldaqstant tilqa' it-talba tal-konvenut, u tordna l-isfilz tad-dokument esebit.

<u>L-Appelli</u>

---

[1] Fol.69
[2] Fol.346

*L-Appell Principali*

10. Il-konvenut qed jibbaza l-appell tieghu fuq erbgha aggravji:

[1] li hu m'ghandux htija ghas-separazzjoni; [2] li l-ammont tal-manteniment fissat mill-ewwel Qorti, bhala dovut lilu lill-attrici ghaliha, ghandu jigi ridott; [3] li l-attrici ma ressqitx provi bizzejjed sabiex tintlaqa', anke jekk parzjalment, il-pretensjoni taghha li hi ghanda kreditu parafernali versu l-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' LM12,000 [illum €27,960]; u [4] li l-ispejjez kollha tal-kawza ma kellhomx jigu allokati kollha lilu.

*L-Appell Incidentali*

11. L-attrici qed tibbaza l-appell incidentali taghha fuq tlett aggravji:

[1] li l-ammont tal-manteniment dovut lilha mill-konvenut, fissat mill-ewwel Qorti ghandu jigi mizjud; [2] li il-pretensjoni taghha ghall-kreditu parafernali ta' LM12,000 kellha tigi milqugha fis-shih, u mhux limitatament ghas-somma ta' €18,000 [ekwivalenti ghal LM7,725.32]; u [3] li hi ghandha tinghata d-dritt esklussiv li tabita fid-dar matrimonjali.

Il-Fatti

12. Il-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Marzu 1982, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Carmen fit-23 ta' Novembru 1982 u Joseph fl-14 ta' Ottubru 1991.

13. Qabel iz-zwieg l-attrici kienet hadmet f'impieg regolari ghal numru tas-snin, u meta kienet ghada gharusa kienet ukoll tmur tghin lill-konvenut fir-raba li kien jahdem.

14. Wara z-zwieg l-attrici kienet marret toqghod mal-konvenut fir-razzett. "Farmhouse" Triq Qortin, Zurrieq, li allura serva bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet. Dan ir-razzett kien imiss mar-raba li kien jahdem il-konvenut, bidwi *full-time*, u fir-razzett kienet toqghod ukoll ommu

Marianna, u f'ambjent separat tal-istess razzett kienet toqghod certu Gaetana Vella, habiba antika tal-genituri tal-konvenut.

15. Mill-provi rrizulta li l-genituri tal-konvenut kienu tawh b'donazzjoni r-raba kollha, ta' circa 50 tommna, bil-patt u kondizzjoni li dan jibqa' jiehu hsieb taghhom u ta' Gaetana Vella sakemm imutu. Minhabba din il-kondizzjoni, il-konvenut kien hassu marbut li jibqa' jghix fir-razzett, anke meta maz-zmien beda jinqala' l-inkwiet matrimonjali kagunat ukoll mill-prezenza ta' ommu u ta' Gaetana Vella li kienu jghixu fl-istess razzett.

16. L-inkwiet matrimonjali wassal sabiex l-attrici telqet wahedha mid-dar matrimonjali u marret tghix f'post zghir li kellu missierha. It-tfal, illum maggjorenni, kienu baqghu jghixu mal-missier.

<u>L-Appelli Principali</u>

*L-ewwel aggravju*

17. Dan jirrigwarda l-aspett tal-htija ghas-separazzjoni. Dwar dan l-aspett tal-kawza l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi f'dan l-ambitu għalhekk wieħed ma jiskantax li l-partijiet waslu biex jitolbu s-separazzjoni minn xulxin u l-Qorti tagħti ċertament il-biċċa kbira tat-tort lill-konvenut, li jidher li huwa persuna li ma jħobbx joħroġ flus malajr. Kieku kien għaqli ma kienx jibqa' jgħix b'din il-manjiera mal-familja l-aktar prossima tiegħu, u kien messu dabbar rasu flimkien ma' familtu – ċjoe' ma' martu u wliedu u mhux jibqa' jgħix ukoll ma' ommu u persuna barranija.

Illi kien għalhekk illi kif qalet il-Qorti f'kawża deċiża fit-13 ta' Ġunju 1967 illi l-partijiet spiċċaw jgħixu *"f'"sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita commune".* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla – 13 ta' Ġunju 1967). Madankollu ċertament huwa l-konvenut li bl-atteġġjament tiegħu kien

l-iktar responsabbli fir-rigward. Il-Qorti hawnhekk tagħmel aċċenn ukoll fuq id-drabi li l-attriċi kienet kostretta tagħmel rapport lill-Pulizija minħabba l-vjolenza tal-konvenut – kien hemm anke inċident fejn l-attriċi issawtet minn żewġha, ommu u l-imsemmija Vella – u tagħder lill-attriċi illi ppreferiet titlaq mid-dar u marret tgħix f'żewġt ikmamar proprjeta` ta' missierha qabel ma kriet post ieħor biex tgħix fih fil-mori tal-kawża."

18. Fis-sustanza dan l-aggravju tal-konvenut huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta tat it-tort tas-separazzjoni lill-konvenut. Dan jghid li l-ewwel Qorti *"adoperat wisq l-element soggettiv"* fl-apprezzament tal-prova mressqa minnha, meta skont il-ligi din kellha tigi gwidata b'*"apprezzament oggettiv fattwali".*

19. In sostenn ta' dan, il-konvenut jaghti ezempji fejn, skont hu, il-verzjoni, tal-attrici giet imdghajjfa minn dak li qalu x-xhieda taghha stess, u jsemmi siltiet mix-xhieda taghhom.

20. Jghid li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx kemm hu kien stinka u hadem ghall-familja, u li anke pprova inutilment isalva z-zwieg. Ma tatx debita konsiderazzjoni ghall-incident serju fejn, skont hu, l-attrici ghamlet ghat-tifel bis-sikkina u hedditu biha meta dan kien sejjer igib aktar ikel minn gol-borma. Lanqas ma kkonsidrat il-fatt li, meta l-attrici telqet mid-dar, it-tfal riedu jibqghu jghixu ma' missierhom, u ma riedux jafu b'ommhom, tant li skont ir-rapport tal-haddiema socjali din kienet irrakkomdandat li l-access favur l-omm ghal binha kellu jkun wiehed supervizjonat.

21. Jghid ukoll li l-ewwel Qorti ma tat ebda piz lill-allegazzjoni serjissima maghmula mill-attrici rigwardanti l-gharusa tat-tifel fil-konfront tal-konvenut f'tentattiv li tissepara lit-tifel minn missierhu.

22. Finalment, il-konvenut jilmenta mill-fatt li, ghalkemm l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li taghti *"il-bicca il-*

*kbira tat-tort lill-konvenut"*[3] baqghet ma indikatx x'kien it-tort, anke jekk zghir, tal-attrici.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

23. Ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern din il-Qorti ser tindika l-punti saljenti fil-verzjonijiet tal-partijiet li huma relevanti ghal dan l-aggravju

24. Fis-sustanza l-verzjoni attrici hi fis-sens li matul il-konvivenza matrimonjali hi kienet kostretta mill-konvenut tahdem hafna. Kienet tahdem fir-raba mit-Tnejn sal-Hadd, u kienet tibda sa mill-5.00 ta' filghodu, kienet taghlef l-annimali, kienet iggorr kaxxex tqal, kienet tbigh fuq il-Monti, filwaqt li l-konvenut ma kienx jafdaha bil-flus tant li dawn kienet tnewwilhom lil binha biex jaghtihom lill-konvenut.

25. Inoltre, kien ibieghdha mill-familjari taghha, tant li ma kienx ihalliha tattendi okkazzjonijiet specjali taghhom, bhal tigijiet u mghamudiji, u ma kienx jaghtiha flus sabiex tixtri rigali ghalihom.

26. Tghid li hi kienet dominata mill-konvenut u minn ommu, u li kienet trattata bhala skjava, u li zewgha qatt ma trattaha bhala martu ugwali fiz-zwieg. Tispjega li d-dwejjaq kollha li kien ikollha ma kienx ghax kienet tahdem hafna, izda ghax ma kienitx stmata minn zewgha li, flimkien ma' ommu, kien dominanti fuqha. Kienu dawn ic-cirkostanzi li gieghluha titlaq mid-dar matrimonjali f'sitt okkazzjonijiet separati, izda hi kienet tirritorna lura b'tentattiv sabiex issalva z-zwieg.

27. Eventwalment ma felhitx izjed, anke kagun tal-fatt li uliedha kienu jehduha kontra taghha, u kien ghalhekk li hi eventwalment telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix ghand missierha. Illum ghandha circa tmienja u hamsin (58) sena u tghid li ma tiflahx tahdem aktar ghax mugugha.

---

[3] Sent. Pga.13

28. Min-naha tieghu l-konvenut jghid li, sa minn qabel iz-zwieg, l-attrici kienet taf li fid-dar matrimonjali kienu ser joqghodu wkoll ommu u Gaetana Vella. Inoltre dawn kienu jghinuh kemm fix-xoghol tar-raba, kif ukoll finanzjarjament biex ikompli jizviluppa l-proprjeta` parafernali tieghu.

29. Il-konvenut jichad li dawn jew hu kienu jsawwtu lill-attrici, tant li l-attrici qatt ma ghamlet rapport lill-pulizija.

30. Jichad ukoll li kienu jikkostringuha tahdem daqshekk. Jghid li kienet l-attrici li, anke meta kienet tqila, fuq insistenza taghha, kienet tahdem *"bl-istess rata"*[4] ta' qabel. Jichad li ma kienx jaghtiha l-flus, u jghid li l-formoli tat-taxxi kienet timlihom l-attrici.

31. Jghid li l-attrici kienet dominanti, u trid l-affarijiet isiru kif tghid hi, u dan kien il-kagun tal-incidenti bejnha u bejn it-tifel.

32. Fl-ewwel lok din il-Qorti, tirribadixxi l-principju assodat fil-gurisprudenza patria, li bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, li ghexet il-process kollu, sakemm ma jirrizultax zball manifest li jista' jwassal sabiex parti ssofri ngustizzja.

33. Fit-tieni lok tosserva li, filwaqt li l-verzjoni tal-attrici f'certu aspetti taghha tinsab korroborata minn xhieda ohra, kemm dawk li jigu minnha, kif ukoll xhieda estraneji, dik tal-konvenut ma ssibx riskontru fil-provi. Dan m'ghandux ifisser li allura l-verzjoni tal-konvenut ghandha tigi skartata kompletament, imma jfissir li dak allegat mill-attrici u li jinsab konfortat kemm b'xhieda ohra, kif ukoll mill-assjem tal-provi, inkluz ammissjoni fuq certu fatti da parti tal-konvenut, ghandu jipprevali fuq il-verzjoni moghtija mill-konvenut.

34. Mill-provi jirrizulta *ex abundantia* li l-attrici hija mara biezla hafna, u dan jirrizulta mill-fatt li kemm qabel iz-

[4] Fol.94

zwieg kif ukoll wara z-zwieg hija kienet tahdem hafna u b'mod regolari. Anke meta kienet gharusa u kellha mpieg regolari hija xorta wahda kienet tghin lill-konvenut, allura l-gharus taghha, fix-xoghol tar-raba.

35. Fix-xhieda tieghu, Joseph Farrugia[5], li martu tigi l-kugina tal-konvenut, u li ghandu l-ghalqa tieghu tmiss ma' dik tal-partijiet, jkkonferma li l-attrici kienet tahdem hafna u b'mod assidwu fir-raba, u wkoll kien jaraha ggorr xkejjer ta' bejn 30 u 50 kilo. Santu Farrugia[6], kugin tal-konvenut, kif ukoll certu Anna Calleja[7] jikkonfermaw li l-attrici kienet mara tal-familja, kienet mara biezla, tahdem fir-raba u tbigh fuq il-Monti. Xhud iehor, Carmen Borg[8], tghid li gieli rat lill-attrici tqandel ic-cilindiri tal-gass ghal gol-vann, filwaqt li l-konvenut joqghod jistenniha fil-vann. Francis Borg, missier l-attrici, jikkonferma li qabel iz-zwieg l-attrici kienet *"dejjem tahdem"*[9]. L-istess, Joseph Ciappara[10], electrician li hadem fid-dar tal-partijiet, jikkonferma li l-attrici kienet mara biezla u taghmel xoghol ta' strapazz. Hutha, Tereza Bugeja[11] u Mary Ciappara[12], jkkonfermaw li l-attrici kienet tahdem qabel iz-zwieg kif ukoll tghin lill-konvenut, allura l-gharus taghha, fir-raba, filwaqt li wara z-zwieg kienet *"dejjem sejra"*[13] fix-xoghol tar-raba, u kienet tbigh fuq il-Monti u ggorr il-kaxxi.

36. Mary Camilleri[14], gara ohra taghha, u li kienet tbigh ukoll fuq il-Monti tghid hekk:

"Fl-erbgha ta' filghodu [l-attrici] kienet tkun diga' naxret il-hwejjeg ghax kien ikollha tmur tbigh fuq il-Monti. Ir-ragel taghha kien imur iwassalha l-Monti fid-dlam u jhalliha hemm, xemx u xita. Hu kien jitla' lura d-dar biex imur

---

[5] Fol.79
[6] Fol.82
[7] Fol.83
[8] Fol.115
[9] Fol.116
[10] Fol.118
[11] Fol.85
[12] Fol.119
[13] Ibid.
[14] Fol.121

jonsob jew inkella johrog ghall-kacca. Lit-tifel kien jibghatu maghha ghax wara dak ix-xoghol kollu li kienet taghmel ma kinitx fdata mir-ragel taghha.”

37. Anke l-istess konvenut jammetti li l-attrici kienet tahdem hafna, anke waqt it-tqala, izda jghid li dak kienet taghmlu ghax trid hi, anzi *“fuq insistenza taghha”*[15].

38. Kif gja premess, dak li kien ikidd lill-attrici kien in-nuqqas ta’ stima da parti ta’ zewgha fil-konfront taghha. Ma’ dan jizdied l-indhil u l-konfrontazzjonijiet li l-attrici kien ikollha tissubixxi min-naha ta’ ommu, u anke ta’ Gaetana Vella. Dan jirrizulta provat u konfermat anke minn xhieda ohra. Hekk, per ezempju, Mary Camilleri, fuq imsemmija, tikkonferma li l-attrici kienet dominata min-nies il-konvenut, *“u dejjem kien ikollha toqghod ghal li jghidulha”.*[16] Mary Ciappara, oht l-attrici, tikkonferma li l-konvenut ma kienx ihalli lill-attrici tattendi okkazzjonijiet tal-familja taghha.

39. Ghalhekk kien l-atteggjament ta’ zewgha u taz-zewg anzjani li kienu jghixu maghhom, li wassal lill-attrici sabiex titlaq <u>sitt darbiet</u> mid-dar matrimonjali. Jidher car li l-attrici kienet batiet hafna matul l-konvivenza matrimonjali, u kienet imdejjqa kemm bix-xoghol li kienet taghmel kif ukoll, u principalment, minnhabba n-nuqqas tal-konvenut li jittrattaha bhala martu f’unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, u li fiha, skont il-ligi[17], il-konjugi ghandhom jassistu lil xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

40. Rigward l-allegazzjoni attrici li l-konvenut ma kienx jafdaha bil-flus, filwaqt li din tinsab sa certu punt kontradetta minn ohtha Tereza Bugeja, izda mill-banda l-ohra tinsab konfermata kemm minn Francis Borg, missier l-attrici kif ukoll mix-xhieda ta’ Mary Camilleri, u fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ewwel Qorti kienet perfettament intitolata li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha meta,

---

[15] Supra
[16] Supra
[17] Art.2 u 3 tal-Kodici Civili

filwaqt li tat it-tort tas-separazzjoni lill-konvenut osservat li *"jidher li [il-konvenut] ma jhobbx johrog il-flus malajr"*[18].

41. Rigward l-allegazzjoni attrici li kemm il-konvenut kif ukoll ommu u l-habiba taghha, gieli refghu idjehom fuqha, din il-Qorti tosserva li jekk ma jirrizultax sodisfacentiment provat li l-attrici sofriet vjolenza fizika, izda zgur jirrizulta provat li din ssubiet vjolenza morali, tant li kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali f'sitt okkazjonijiet. Dan il-komportament tal-attrici huwa prova tal-fatt li hi kienet qed ihossha fgata u mxebba fis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha, u minkejja l-isforzi kollha taghha, inkluz ix-xoghol assidwu li kenet taghmel, kien hemm mumenti meta ma setghetx tiflah aktar. Fi kliem iehor, il-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli ghaliha.

42. Fil-fehema ta' din il-Qorti, ghal dan jahti biss il-konvenut zewgha li, kif fuq indikat, bhala konjugi ghandu jassisti lill-attrici kemm materjalment kif ukoll moralment. Huwa naqas f'dan l-obbligu tieghu, u jidher li kien mohhu biss filli jawmenta l-patrimonju parafernali tieghu, bl-ghajnuna wkoll tal-attrici, minghajr ma jaghti kaz tal-benessere ta martu. Ghalhekk kellha ragun l-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li *"kien missu dabbar rasu flimkien ma' familtu cioe` ma' martu u ma uliedu u mhux jibqa' jghix ukoll ma' ommu u persuna barranija."*[19]

43. Rigward l-argumenti mressqa mill-konvenut, li donnu hu ma kellux xelta ohra hlief li jkompli jghix fir-razzett fejn kellu r-raba li kien jahdem, u fejn kienet toqghod ommu u l-habiba tal-familja, u li l-attrici sa minn qabel iz-zwieg kienet taf li dak il-fond kien ser iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom, m'hu ta' ebda solliev jew gustifikazzjoni lill-konvenut ghan-nuqqas tieghu li jpoggi lil martu u lil uliedu qabel il-konsiderazzjonijiet finanzjarji tieghu. Anke jekk l-attrici kienet mill-bidu nett konxja tal-fatt li r-razzett kien ser ikun id-dar matrimonjali taghhom, il-fatt li matul il-konvivenza rrizulta li dan kien qed ikun ta' hsara kbira ghar-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet,

[18] Supra
[19] Supra

jixhet l-obbligu fuq il-konvenut li jsib band'ohra, forsi fl-istess rahal, fejn ikun jista' jakkomoda l-familja prossima tieghu, u fejn ikun jista' jghix ma' martu u ma' uliedu f'ambjent differenti 'il boghod mill-indhil ta' terzi. Dan ukoll ma kellux ikun ta' tfixkil serju ghall-obbligu assunt minnu li jkompli jiehu hsieb ta' ommu u ta' Gaetana Vella.

44. L-argument tieghu li c-cirkostanzi ma kienux jippermettu mod iehor, u li mhux kulhadd huwa sinjur, u li *"il-familja kienet taqlaghha u tiekolha",* mhux daqshekk konvicenti, stante li mill-provi jirrizulta li, apparti proprjeta` ohra parafernali, il-konvenut ghandu mal-50 tommna raba' li kien jahdimhom, bl-ghajnuna ta' martu, u ghalhekk m'huwiex minnu li l-mezzi tieghu ma kienux jippermettilu jitrasferixxi d-dar matrimonjali post iehor biex verament jipprova jsalva z-zwieg. Inoltre, il-fatt li jmur jghix band'ohra ma jwassalx necessarjament li hu u martu ma setghux jibqghu jahdmu r-raba; bhallikieku kull min jahdem ir-raba bil-fors irid ikollu daru kontigwa mar-raba li jahdem!

45. Finalment, rigward it-tort li l-konvenut jghid li gie attribwit lill-attrici mill-ewwel Qorti, meta kkonkludiet li t-tort ghas-separazzjoni huwa *"principalment"* tal-konvenut, din il-Qorti tosserva li dik il-Qorti ma indikatx f'hiex kien jikkonsisti t-tort tal-attrici, izda jirrizulta zgur li fil-fehma tal-ewwel Qorti, dan it-tort kien pjuttost zghir fil-konfront ta' dak tal-konvenut, tant li dik il-Qorti allokat l-ispejjez kollha lill-konvenut, u xejn lill-attrici.

46. Din il-Qorti tosserva li mill-provi jidher li, rizultat tas-sitwazzjoni li l-attrici kienet kostretta tghix fiha, hija kienet tirreagixxi, forsi b'mod sproporzjonat, partikolarment fejn jidhlu t-tfal tal-partijiet, tant li dawn, partikolarment it-tifel, haduha kontra ommu. Il-konvenut isemmi l-incident fejn l-attrici heddet lit-tifel b'sikkina ghax dan insista li jkompli jiehu aktar ikel mill-borma. L-attrici spjegat dan l-incident, u qalet li, peress li t-tifel, li dak iz-zmien kellu 13-il sena, kien qed izid hafna fil-piz, hi, fuq parir tat-tabib, riedet

tikkontrollah fejn jidhol l-ikel. F'okkazzjoni minnhom it-tifel injoraha u hi canfritu izda cahdet li hedditu b'sikkina[20].

47. Fir-rigward il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-attrici cahdet id-dinamika ta' dan l-incident kif rakkontat mill-konvenut, u apparti mill-fatt li dan kien incident izolat, il-provi juru li l-attrici kienet taht tbatija u stress kontinwu, u li l-agir taghha kien konsegwenza tas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha, tort tal-konvenut. Il-komportament konsegwenzjali tal-attrici, rizultat tal-komportament abuziv da parti ta' zewgha, ma jistax jitqies bhala l-kawza jew wahda mill-kawzi ghas-separazzjoni bejn il-partijiet. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-fatt li l-ewwel Qorti allokat l-ispejjez kollha lill-konvenut.

Rigward l-allegazzjoni tal-konvenut rigward il-qlajja, li hu jghid li saret mill-attrici u li tirrigwarda l-gharusa tat-tifel, il-Qorti tosserva li din ma ssibx sostenn sodisfacenti fil-provi, u ghalhekk m'hemmx lok li tigi kkonsidrata f'dan l-aspett tal-kawza.

48. Rigward il-fatt li skont rapport tal-haddiema socjali jidher li it-tifel kien hadha kontra ommu l-attrici u zamm ma' missieru, din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li r-rapport m'huwiex konfermat bil-gurament, il-fatt li t-tifel zamm ma' missieru ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li missieru kien fit-tajjeb filwaqt li ommu kienet fil-hazin. L-ewwel nett ghax ghandu jkun car li l-gudizzju tat-tfal mhux necessarjament ikun motivat minn ragunijiet tajbin u fondati, partikolarment fejn, bhal dan il-kaz, l-omm kienet l-unika parti li kienet tezercita d-dixxiplina fuq uliedha. Fit-tieni lok, l-attrici kienet kostretta tahdem sieghat twal u ta' strapazz, a skapitu tar-relazzjoni taghha ma' uliedha li allura kienu jqattghu hafna hin ma' omm il-konvenut.

49. Jirrizulta li l-problema bejn il-konjugi kienet principalment dovuta ghall-atteggjament tal-konvenut fil-konfront ta' martu, u partikolarment ghan-nuqqas ta' sensittivita` da parti tieghu ghall-bzonnijiet ta' martu, u n-

[20] Fol.594

nuqqas ta’ affezzjoni murija minnu fil-konfront taghha, liema fatt jirrizulta b’mod qawwi mis-sieghat twal li l-attrici kienet kostretta tahdem, u x-xoghol ta’ strapazz li kienet taghmel. Dan l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, prattikat fuq bazi abitwali u ripetut, u li kien tant ikidd illi l-attrici li telqet mid-dar konjugali sitt darbiet sakemm fl-ahhar telqet defenittivament, jikkostitwixxu “eccessi” fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16, u ghal dan jahti biss il-konvenut.

*It-tieni aggravju tal-appell principali tal-konvenut, u l-ewwel aggravju tal-appell incidentali tal-attrici.*

50. It-tieni aggravju tal-konvenut, u l-ewwel aggravju tal-attrici jirrigwardaw l-ammont ta’ manteniment iffissat mill-ewwel Qorti, bil-konvenut isostni li l-ammont ghandu jigi ridott, filwaqt li l-attrici tghid li ghandu jizdied.

51. Fir-rigward l-ewwel Qorti osservat hekk:

“Illi ghandu jinghad li l-Qorti fl-istadju tal-medjazzjoni kienet tat digriet fejn akkordat manteniment ta’ LM133 ghall-attrici; eventwalment inghataw zewg dikrieti ohra fir-rigward u l-ahhar wiehed, Mejju 2011 kien gie ordnat hlas ta’ tlett mija u hamsin Ewro [€350] fix-xahar. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi bdil fic-cirkostanzi li jwasslu ghal bdil f’dan l-ammont, u ghalhekk ser tikkonfermah.”

52. Fl-aggravju tieghu l-konvenut jilmenta mill-fatt li, ghalkemm l-ewwel Qorti qalet li ma kienx hemm bdil fic-cirkostanzi, fil-fatt kien ser ikun hemm bdil fil-futur qrib, inkwantu l-konvenut f’Awwissu 2012 kien wasal ghall-pensjoni bl-eta` ta’ 60 sena. Jghid li hu kien diga’ irceva l-avviz tal-pensjoni ta’ €7,078.36 fis-sena, u cioe` €589.88c fix-xahar li, wara li taqta’ l-ammont ta’ €350 manteniment li qed ihallas fil-prezent, jibqghalu €239.88c ghall-bzonnijiet kollha tieghu.

53. Min-naha l-ohra, l-attrici tiehu beneficju socjali ta’ €2,537.40c fis-sena, u cioe` €211.45 fix-xahar li mizjud mal-manteniment ta’ €350 fix-xahar, l-attrici ser ikollha

introjtu mensili ta’ €561.45, u cioe` aktar minn dak li jippercepixxi l-konvenut mill-pensjoni.

54. Il-konvenut jissottometti li l-ammont ta’ manteniment fissat mill-ewwel Qorti kien gie kkalkolat fuq l-income li kellu dak iz-zmien, inkluzi s-sussidji li spiccaw li gew sekwestrati u li l-attrici ghandha nofshom bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-manteniment kien gie kkalkolat fuq somma li nofsha kienet tappartjeni lill-attrici.

55. Fl-istess aggravju l-konvenut ikompli jilmenta li l-attrici ma kellhiex ghalfejn tikri post bi tlett kmamar tas-sodda, bil-kera ta’ €250 fix-xahar, imma post b’kamra tas-sodda wahda kien bizzejjed ghaliha.

56. Inoltre, ma hemmx raguni ghala l-attrici *“li taf tmidt idejha ... ma ghandhiex tmur tahdem u tghin lilha nnifisha, u mhux tpappiha minn fuq dar zewgha u minn fuq dar il-poplu”*[21]. Jikkonkludi jghid li hu ghandu *“jhallas skont il-mezzi tieghu u skont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz... [u din il-Qorti] ghandha tassigura li l-esponent jibqaghlu bizzejjed biex jghix dicentement”.*[22]

57. Min-naha taghha, l-attrici fl-ewwel aggravju tal-appell taghha, tilmenta li l-ammont ta’ €350 bhala manteniment ghaliha m’huwiex bizzejjed sabiex jilqa’ ghall-bzonnijiet kollha taghha.

58. Tghid li l-konvenut ghandu diversi proprjetajiet ohra parafernali, u dan apparti mir-razzett u mill-50 tommna raba, u ghalhekk ghandu mezzi bizzejjed sabiex jaghti manteniment adegwat lill-attrici li tul il-konvivenza matrimonjali hadmet bis-shih fl-imsemmija raba.

59. Illum l-attrici hija mara avvanzata fiz-zmien, u huwa ferm difficli li hija ssib impieg. Kieku l-konvenut kien ihallsilha l-bolla meta kienet tahdem mieghu fir-raba dawk is-sieghat kollha, kieku ma kienx ikun hemm il-problema li

---

[21] Rikors Appell
[22] Ibid.

hemm illum il-gurnata, u cioe` li trid tghix b'inqas mill-paga minima nazzjonali, filwaqt li l-konvenut ghandu ammont sostanzjali ta' proprjeta` parafernali.

60. Tghid:

"Filwaqt li l-attrici ser ikollha dhul baxx, l-appellat bil-proprjeta` immobbli tieghu sejjer ikun sinjurun. L-attrici ghamlet hajjitha kollha tahdem u tistinka ghall-familja u issa ser tigi ppremjata billi zewgha jaghtiha somma ta' €350 fix-xahar.

61. Ghalhekk qed titlob li din ir-rata alimentarji tizdied, u li jkun hemm revizjoni annwali taghha skont l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali mahrug mill-gvern.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

62. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li il-konvenut bhala, l-persuna principalment hatja ghas-separazzjoni personali, ghandu l-obbligu li jhallas manteniment lill-attrici martu, liema manteniment jitkejjel principalment skont il-mezzi tal-partijiet u l-bzonnijiet taghhom.

63. Fit-tieni lok, tosserva li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenut, l-ewwel Qorti, fid-digriet provvizjorju moghti fit-13 ta' Mejju 2011, hadet konjizzjoni tas-sitwazzjoni kif prezentata lilha mill-partijiet.

64. Fir-rikors tieghu l-konvenut kien indika lill-Qorti li s-sussidju minghand il-gvern kien waqaf, li ma baqax irabbi t-tigieg minhabba restrizzjonijiet stretti u dispendjuzi tar-regoli tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll li, peress li martu ma kienitx baqghet tahdem fir-raba, allura issa kellu jahdimha wahdu. Inoltre, fl-istess rikors il-konvenut kien indika in-numru tal-karta ta' l-identita` tieghu, mil-liema fatt wiehed seta` facilment jasal ghall-eta` approssimattiva tieghu.

65. Minn naha taghha, l-attrici rrilevat li anke wara s-separazzjoni de facto il-konvenut baqa' jahdem ir-raba [circa 50 tommna], li, minkejja li hi kienet tahdem dawk is-sieghat kollha xorta wahda ma kienx ihallsilha l-bolla, li l-

konvenut wiret proprjeta` ta’ circa LM2,000,000; filwaqt li hi kostretta tghix go post mikri bil-kera mensili ta’ €250 u ddahhal ghajnuna socjali ta’ €48 fil-gimgha li €22 minnhom huma beneficju tal-mard, filwaqt li l-kumplament kienet id-differenza bejn dak li hi intitolata ghalih minghand il-gvern u l-ammont ta’ manteniment dovut mill-konvenut.

66. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha stampa cara bizzejjed tas-sitwazzjoni tal-partijiet, meta stabbiliet ir-rata alimentarja ta’ €350 fix-xahar.

67. Din il-Qorti pero` tosserva ulterjorment li, filwaqt li z-zewg partijiet huma kwazi tal-istess eta`, l-attrici circa 59 sena u l-konvenut circa 60, u ghalhekk ta’ eta` avvanzata, hadd minnhom ma ressaq provi sodisfacenti li jbati minn xi kondizzjoni li timpedih milli jaghmel xoghol, anke jekk mhux ta’ strapazz. Illum huwa fatt notorju li, ghalkemm persuna taghlaq l-eta` ta’ 60 sena, din mhux bilfors tieqaf mill-hajja lavorattiva taghha, partikolarment meta ma tkunx affetta minn mard li jimpediha milli taghmel kull tip ta’ xoghol.

68. Ghalhekk il-fattur tal-eta` la jista’ jkun ta’ solliev ghall-attrici, u wisq anqas ghall-konvenut li ghadu jahdem il-50 tommna raba sabiex, skont hu, jiggenera ntrojtu bizzejjed biex ihallas il-manteniment dovut minnu lill-attrici.

69. Ferm il-premess, din il-Qorti pero` ma thossx li l-ewwel Qorti tat importanza misthoqqa lill-fatt li, kif jirrizulta mix-xhieda tieghu, il-konvenut jippossjedi diversi proprjetajiet parafernali[23], u dan apparti mill-50 tommna raba li huwa jahdem. Fil-fatt fix-xhieda tieghu l-konvenut jistqarr li matul iz-zwieg hu bena fuq il-proprjeta` tieghu hames garaxxijiet u sular fuqhom, b’tarag li jaghti ghall-kamra tal-hasil.

70. In tema legali din il-Qorti tosserva li, rigward il-fissazzjoni tal-ammont tal-manteniment, l-Artikolu 54 [2] tal-Kap.16, sa fejn relevanti ghal dan il-kaz, jiddisponi li fil-

[23] Depozizzjoni fol.326 *et seq.*

komputazzjoni ta' dan l-ammont ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-mezzi u l-bzonnijiet tal-mizzewwgin. Inoltre, rigward il-fattur tal-mezzi, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-artikolu 20 tal-istess Kap jillimita l-komputazzjoni tal-manteniment ghall-introjtu ta' min hu obbligat ihallsu, dan ma jezonerahx milli jaghmel uzu shih mill-proprjeta` tieghu u jhaddem l-istess proprjeta` b'mod li jiggenera introjtu li jkun proporzjonat mal-mezzi tieghu, filwaqt li jkun ukoll adegwat tenut kont tal-bzonn ta' min hu intitolat li jircevih.

71. Fil-kaz odjern jirrizulta manifest li, apparti mill-pensjoni li jircievi, il-konvenut ghandu mezzi sabiex izid l-introjtu tieghu, kemm billi jutilizza bi profitt il-beni parafernali tieghu, kif ukoll billi jahdem, jew bl-ingagg ta' terzi, ihaddem il-50 tommna raba li matul iz-zwieg hu kien jahdem bl-ghajnuna assidwa ta' martu.

72. In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li, min-naha wahda, tenut kont tal-potenzjal li ghandu l-konvenut li jiggenera aktar introjtu mill-proprjeta` parafernali tieghu u li wkoll ser jibqa' jghix fid-dar li kienet isservi bhala l-fond matrimonjali proprjeta` parafernali tieghu, u ghalhekk ghandu fejn joqghod, filwaqt li minn naha l-ohra, tenut kont tal-fatt li l-attrici ser tircievi s-somma sostanzjali €67,917.78, bhala sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti, izda ghandha tipprovdi ghall-akkomodazzjoni taghha, il-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghandu jkun ta' €400 fix-xahar rivedibbli kull sena skont l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-gvern.

73. Ghaldaqstant dan l-aggravju principali tal-konvenut m'huwiex gustifikat u ser jigi michud, filwaqt li l-ewwel aggravju tal-appell incidentali tal-attrici qed jitqies bhala gustifikat u ser jigi milqugh limitatament ghas-somma fuq indikata.

*It-tielet aggravju tal-appell principali tal-konvenut, u t-tieni aggravju tal-appell incidentali tal-attrici*

74. Il-konvenut jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda s-somma ta’ LM12,000 li l-attrici tghid li kienet tatu qabel iz-zwieg sabiex jixtri karrozza u l-vann, kif ukoll sabiex jirranga l-gaggeg u l-imhazen li l-konvenut kellu mar-razzett proprjeta` parafernali tieghu.

75. Huwa jsostni li, filwaqt li huwa minnu li l-attrici kienet tatu ammonti ta’ flus qabel iz-zwieg, dawn b’kollox kienu jammontaw ghas-somma ta’ LM3,500, rapprezentanti zewg ammonti: wiehed ta’ LM800 biex jirranga l-gaggeg u l-iehor ta’ LM2,700 sabiex jixtri l-vettura Datsun Cherry ghall-uzu tal-familja kollha u li swiet LM3,400[24]. Huwa jichad li l-attrici kienet taghtu aktar minn hekk. Inoltre, jghid li, ladarba l-attrici kienet taghtu dawn l-ammonti, u qatt ma kellha l-hsieb li tohodhom lura u fil-fatt qatt ma talbithomlu, allura issa m’ ghandhiex dritt li tirreklamahom.

76. Ghalhekk qed jitlob li s-sentenza tigi riformata billi tigi revokata din il-parti fejn hu gie ordnat ihallas is-somma ta’ €18,000.

77. Min-naha taghha l-attrici tghid li qabel iz-zwieg hi kienet hadmet ghal circa 15-il sena, u kienet gemmghat madwar LM12,000 li f’dak iz-zmien hi kienet taghti lill-konvenut, allura gharus taghha, flus biex jixtri l-imsemmija vettura u l-vann, u sabiex jirranga l-gaggeg u l-mahzen biswit ir-razzett tieghu, b’mod li, fil-bank kien baqa’ biss is-somma ta’ LM500. Hija tispjega li ma setghetx iggib il-prova dokumentarali [mill-bank] peress li kien ghadda hafna zmien, u ghalhekk setghet biss turi d-dokumenti relattivi ghall-imsemmija somma li kienet baqghet ghandha. Izda tghid li l-verzjoni taghha hija konfermata mix-xhieda tal-familjari taghha, fosthom missierha Francis Borg[25], u hutha Tereza Borg[26] u Mary Ciappara[27].

78. Hi tghid li, minflok investiet dawn il-flejjes ghall-futur taghha qabdet u taghthom lill-gharus taghha sabiex jkun

[24] Il-bilanc ta’ LM7,00 kien hargu hu.
[25] Fol.116
[26] Fol.85
[27] Fol.119

jista' jkabbar in-negozju tieghu. Tghid li hi spiccat sabiex tilfet il-flus, filwaqt li l-konvenut gawda u ghadu jgawdi minn dak li akkwista b'dawn il-flus. Ghalhekk qed titlob li s-sentenza tigi riformata fis-sens li din il-Qorti tordna li l-konvenut jhallasha lura s-somma ta' LM12,000 nieqes l-ammont ta' LM500.

79. Fir-rigward l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:
"Illi fejn il-partijiet ma jaqblux ukoll huwa fir-rigward tal-fatt li l-attriċi tgħid illi hija ħadet magħha s-somma ta' Lm12,000 lira – kwazi tletin elf Ewro (€30,000) – meta żżewġet u apparti Lm500 dawn kollha ntużaw biex il-konvenut jixtri karozza u vann u biex jirranġa l-gaġeġ u mħażen. Il-konvenut jammetti li tagħtu biss Lm3,400. Il-Qorti jidhrilha li l-attrici hija aktar affidabbli fuq dan ir-rigward iżda peress li l-vetturi ntużaw għall-benefiċċju tagħha wkoll se tnaqqas is-somma pagabbli lilha għal tmintax-il elf Ewro (€18,000).

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

80. Fl-ewwel lok, din il-Qorti taqbel tosserva li hu principju kardinali f'materja ta' prova li min jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova tal-fatt allegat minnu. Dan il-principju jinsab skolpit fl-Artikolu 562 tal-Kap.12. Ghalhekk, f'dan il-kaz, l-oneru tal-prova li qabel iz-zwieg l-attrici kellha mgemmghin LM12,000 u li eventwalment tathom lill-konvenut, salv ghas-somma ta' LM500, jirrisjedi fuq l-attrici.

81. Mill-provi ma tirrizultax prova dokumentali ta' dan il-fatt allegat. L-attrici pero` tghid li dan il-fatt jirrizulta mix-xhieda tal-familjari taghha fuq imsemmija. Fir-rigward ta' dawn ix-xhieda, din il-Qorti tosserva li: ix-xhud Francis Borg, missier l-attrici, jghid li *"Roza, il-mara tieghi, kellha prokura ta' Polly, u kienet tghid li binti kellha tnax-il elf lira maltin [LM12,000] sakemm izzewwget"*[28]*;* ix-xhud Tereza Bugeja, oht l-attrici tghid li *"qabel ma zzewwgu hi xtratlu karrozza lil Joseph [il-konvenut]"*[29]*;* ix-xhud Mary

[28] Fol.116
[29] Fol.85

Ciappara, oht ohra tal-attrici, tghid li *"meta ohti waslet biex tizzewweg ommi kienet tghid li kellha prokura ta' ohti u li Polly kellha mat-tnax-il elf matlin [LM12,000] il-bank."*[30]

82. Il-Qorti tosserva li mill-premess jista' jirrizulta biss li qabel iz-zwieg l-attrici kellha LM12,000, u li kienet xtrat karrozza lill-gharus taghha. Ma rrizultax li l-attrici tat dawn il-flus kollha lill-konvenut. Il-provi fir-rigward huma skarsi, u ghalhekk din il-Qorti tikkonsidra bhala gustifikat l-ilment tal-konvenut li l-attrici kienet tatu biss is-somma ta' LM3,500.

83. Izda rigward is-sottomissjoni tieghu li l-attrici llum m'ghandhiex dritt tirreklama dawn il-flus peress li meta taghthomlu hi ma kellhiex l-intenzjoni li titlobhomlu lura, il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa legalment insostenibbli stante li mill-provi jirrizulta car li l-attrici kienet tat dawn il-flus lill-konvenut in kontemplazzjoni taz-zwieg, u bil-hsieb li l-oggetti mixtrija u l-ispejjez maghmula kienu ser igawdu minnhom iz-zewg partijiet matul iz-zwieg. Inoltre, l-Artikolu 1808 tal-Kap.16 jiddisponi li r-rigali li l-gharajjes jghatu lil xulxin fl-okkazzjoni taz-zwieg *"jibqgħu ta' dak il-wieħed mill-għarajjes li għamilhom, u jitqiesu mogħtijin lill-ieħor sabiex jinqeda bihom biss matul iż-żwieġ,"*

84. Ghaldaqstant dan l-aggravju principali tal-konvenut huwa gustifikat u qed jigi milqugh limitatament ghas-somma ta' LM3,500 illum ekwivalenti ghal €8,155, u ghalhekk l-ammont ta' €18,00 moghti mill-ewwel Qorti lill-attrici ghandu jigi ridott ghall-imsemmija somma ta' €8,155, b'hekk is-somma ta' €77,762.78, akkordata mill-ewwel Qorti bhala s-sehem tal-attrici mill-komunjoni, ser tigi ridotta bis-somma ta' €9,845[31] u jibqa' bilanc ta' €67,917.78.[32]

85. Mill-banda l-ohra t-tieni aggravju tal-appell incidentali tal-attrici jitqies bhala mhux gustifikat u ser jigi michud.

---

[30] Fol.119
[31] €18,000 - €8,155 = €9,845
[32] €77,762.78 - €9,845 = €67,917.78

*Ir-raba aggravju tal-appell tal-konvenut*

86. Dan jirrigwarda l-kap tal-ispejjez. Il-konvenut jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti allokatlu l-ispejjez kollha tal-kawza, u jghid:

"Inoltre l-attrici bbenefikat ukoll mill-beneficju tal-ghajnuna legali u giet assistita abilment b'Avukat u Prokuratur legali li lilhom kien imiss it-turn. U ghalhekk l-appellant ma ghandux ghalfejn jigi issa kkundannat ihallas spejjez li gia thallsu u Avukat/Prokuratur Legali li ghalihom l-appellanti [l-attrici] ma hallset xejn."

87. Din il-Qorti tosserva li l-argument tal-konvenut huwa *non sequitur* u l-aggravju kif impostat huwa legalment insostenibbli ghax il-fatt li l-attrici kienet assistita minn avukat u prokuratur tal-ghajnuna legali ma jnehhi xejn mill-htija tal-konvenut ghas-separazzjoni.

*It-tielet aggravju tal-appell incidentali tal-attrici*

88. Dan l-aggravju jirrigwarda t-talba attrici li din tigi awtorizzata tghix fir-razzett li qabel is-separazzjoni kien iservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, b'eskluzjoni tal-konvenut li min-naha tieghu ghandu diversi proprjetajiet ohra. Tghid li, alternattivament, l-ewwel Qorti setghet taghti lill-attrici d-dritt ta' uzu u abitazzjoni ta' xi appartmament li ghandu l-konvenut. Wara kollox il-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi fuq il-konvenut.

89. Il-konvenut min-naha tieghu jghid li l-attrici stess, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, tirrikonoxxi li mhux opportun li hi tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali. Fil-fatt tghid li peress li r-razzett fejn kienu joqghodu huwa biswit ir-raba li jahdem il-konvenut, allura biex ma jinqalax inkwiet, il-Qorti ghandha s-setgha li tordna lill-intimat jaghti proprjeta` ohra milli ghandu sabiex hi tkun tista' tabita fiha minghajr il-htiega li thallas il-kera.

90. Jghid ukoll, li mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi proprjeta` parafernali abitabbli, ghajr ir-razzett li fih jghix il-konvenut mat-tifel tal-partijiet.

91. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li dak li qed titlob l-attrici f'dan l-aggravju huwa in parte inopportun, u in parte legalment insostenibbli: huwa inopportun u inkonsiljabbli ghall-istess raguni li tat l-attrici fil-nota taghha, u cioe' peress li l-fond jinsab biswit r-raba mahduma mill-konvenut; u hija legalment insostenibbli, ghax il-ligi fl-Artikolu 55A tal-Kap.16 taghti dan id-dritt fuq il-fond li kien iservi bhala *"id-dar taz-zwieg"* tal-partijiet, u l-Qorti m'ghandhiex is-setgha fil-ligi li torbot b'dan il-mod proprjeta` ohra, kemm jekk tal-parti wahedha kif ukoll jekk taz-zewg partijiet flimkien.

Decide

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tilqa' l-appell principali tal-konvenut limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' €77,762.78, u minflok, tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sebgha u sittin elf, disa' mija u sbatax-il ewro, u tmienja u sebghin centezmu [€67,917.78], filwaqt li tichad il-kumplament tal-appell principali; tiddeciedi dwar l-appell incidentali billi tilqghu limitatament billi tirrevoka s-sentenza appellata fejn il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma mensili ta' €350 bhala manteniment ghaliha, u minflok, tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mensili ta' erba' mitt ewro [€400], bir-revizjoni annwali taghha skont l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali mahrug mill-gvern, filwaqt li tichad l-appell incidentali ghall-bqija.

Il-Qorti tordna wkoll l-isfilz tad-dokument VG1.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti; dawk tal-appell principali ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, u dawk tal-appell incidentali jigu sopportati mill-attrici, u dan tenut kont tal-fatt li din il-Qorti laqghet biss aggravju wiehed minn kull appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------